# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : **birgu.lc@gov.mt**  website : **www.birgu.gov.mt**


---

# Minuti tal-laqgħa 18(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għat-18-il laqgħa fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Lulju 2013, fis-siegħa ta' wara nofs inhar. (1:00pm)

## Prezenti

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, l-Viċi Sindku, S-Sur Trevor Mizzi u l-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel, is-Sur Alan Cassar u s-Sur Lawrence Attard.

Staff Klerikali – Is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto, Deputat Segretarja Ezekuttiv, is-Sinjura Moira Azzopardi, Skrivana u s-Sinjura Lara Mascena Skrivana

## Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

1. Ħatra ta' Deputat Segretarja Eżekuttiv

1.1 Is-Sindku ressaq korrispondenza mibgħuta mid-Direttur għall-Gvern Lokali dwar l-approvazzjoni sabiex is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto tinħatar Deputat Segretarja Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali tal-Birgu b'effett mill-24 ta' Ġunju 2013 biex fl-assenza tas-Segretarju Eżekuttiv terserċita d-dmirijiet u l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv skond il-liġi dwar il-Kunsilli Lokali. Din il-kariga tkopri perjodu ta' 90 jum. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Testaferrata De Noto tinħatar Deputat Segretarja Ezekuttiv.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsil qabel li japprova l-minuti fil-laqgħa li jmiss.

3. Korrispondenza

3.1 Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar memo 40/2012 dwar għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom responsabbilta' ta' Librerija Lokali. Is-

Sindku qal li kienet ser tintbgħat l-applikazzjoni sabiex il-Kunsill jingħata l-ammont ta' €499.95 sabiex jinxtraw kotba għall-librerija Lokali.

3.2 Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Dr Kwak President tal-*World Citizens Organisation* fejn ġew mistiedna s-Sindku u s-Sinjura Moira Azzopardi għall-Forum li ser isir f'Yeosu bejn 21 u 24 ta' Ottubru 2013. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ispejjez kollha kienu ser jitħallsu mill-organizzazjoni. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku u s-Sinjura Azzopardi jattendu għal dan il-*Forum.*

3.3 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarja Ġenerali tal-*European Walled Towns*, is-Sinjura Gabriella Agius dwar *23 rd European Walled Towns Symposium* li ser isir f'Dublin bejn it-23 u s-27 ta' Ottubru 2013. Is-Sindku ssugerixxa li s-Sur Lawrence Attard jattendi għal dan is-*Symposium.*

3.4 Inqrat korrispondenza li nbgħatet lill-Kumitat Festi Esterni San Duminku dwar li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex jinħaraq nar tal-ajru miz-zona tal-Ħawli matul il-ġranet tal-festa ta' San Duminku. Is-Sindku qal li kien ferm importanti li l-Kumitat, barra l-permessi tal-Kunsill jitlob ukoll il-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet konċernati.

3.5 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat Festi Esterni San Duminku fejn informa lill-Kunsill bil-preparamenti annwali għal-festa esterni f'ġieħ Missierna San Duminku li ser isiru bejn is-Sibt, 17 u l-l-Ħadd, 25 t'Awwissu 2013. Il-Kunsill qabel unanimament li ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

3.6 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sir Aldo Xhani dwar il-proġett Coheirs fejn il-Kunsill ġie mitlub jorganizza tlett *workshops* fejn jiġu nvoluti ċ-ċittadini kif ukoll l-Awtorita' u entitajiet oħra. Is-Sindku talab li l-laqgħat isiru fuq tema dwar l-ambjent u s-Sur Chris Camilleri jiġi nvolut f'dawn il-*workshops.*

3.7 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill fuljett informattiv dwar il-proġett *Coheirs* co-iffinanzjat mill-istess proġett u talab sabiex jinġibu kwotazzjonijiet biex jiġi ppublikat dan il-fuljett kif mitlub mill-kordinatur ta' l-imsemmi proġett. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

3.8 Is-Sindku qal li waħda mill-volontiera ħarġet bl-*idea* sabiex tiġi organizzata attivita' għat-tfal relatata mal-attivita' Birgu Fest 2013. Is-Sindku qabel sabiex jiġu mistiedna t-tfal residenti fil-Birgu sabiex matul il-vaganzi tas-sajf jizbgħu vazzetti tal-ħgieg b'kuluri u disinji bl-immanginazzjoni tagħhom u dakinhar ta' l-attivita' tal-Birgu Fest 2013 izejnu bihom triq partikulari. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.9 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-HSBC fejn il-Kunsill ġie nfurmat li s-servizz ta' *internet banking* kien ser jibda jkun bi ħlas. Il-Kunsill qabel unanimament li jħallas €10 fix-xahar sabiex ikompli jkollu dan is-servizz.

3.10 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita' Ambjent u Ippjanar fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-bilanċ tal-fondi *Urban Improvement Fund* (UIF) sa tmiem Ġunju 2013 kien ta' €9,317.16.

3.11 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn il-Kunsill ġie mistieden għal-laqgħa pubblika li ser issir nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Lulju 2013 gewwa l-Iskola Primarja Kullegg Santa Margerita, Bormla fis-6 ta' filgħaxija. L-Għan ta' din il-laqgħa hu li jiġi diskussi ideat dwar il-pjan lokali attwali għal Port il-Kbir. Is-Sindku talab li jsiru suġġerimenti bil-kitba u l-Kunsill jirreferi għal *masterplan* tal-Birgu li kienet saret ftit taz-zmien ilu.

3.12 Inqrat korrispondenza li l-Kunsill bgħat lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali dwar il-laqgħa li kellu nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju 2013 fil-bini amminstrattiv tal-Kunsill fejn ġew diskussi diversi punti fosthom l-ispejjez għall-attivita' tal-Birgu Fest 2013 u x-xogħlijiet tar-restawr tal-Berġa ta' Franza. Waqt din il-laqgħa il-Kunsill talab sabiex jingħata għajnuna finanzjarja ta €12,295.19 sabiex ikopri l-ispejjez kollha tax-xogħlijiet li saru peress li ser tkun ferm difficli li l-Kunsill ikopri x-xogħlijiet li hemm bzonn li jsiru fil-Berga ta' Franza, binja ta' valur storiku uniku.

3.13 Inqrat *memo* 16/2013 mibgħuta mid-Direttur għall-Gvern Lokali dwar kontribut finanzjarju għal xiri ta' materjal edukattiv għall-iskejjel. Il-Kunsill ġie infurmat li l-ammont ta' għajnuna finanzjarja m'għandux jaqbez is-somma ta' €200 fis-sena.

3.14 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Soċjeta' Muzikali San Lawrenz fejn talbu spjegazzjoni dwar il-bdil ta' serratura tal-maħzen fil-Ħawli fejn hemm il-Plançier tas-Soċjeta' kif ukoll talbu sabiex issir laqgħa biex jiġu kjarifikati numru ta' punti fil ftehiem relatata ma' l-istess suġġett. Is-Sindku ta spjegazzjoni u talab li ssir laqgħa ma l-imsemmija soċjeta.

3.15 Inqrat korrispondenza mibgħuta lil *Transport Malta* sabiex jintalab parir tekniku dwar bankina temporanja li saret f'tarf Triq Wenzu Dyer kantuniera ma' Triq il-Kardinal sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni mingħajr ma jinħloq inkonvenjent.

3.16 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumpanija tal-assigurazzjoni *Island Insurance Brokers Ltd* fejn il-Kunsill ġie mitlub iħallas is-somma ta' €270.14 ta' affarijiet pendenti li għadhom ma tħallsux. Wara diskussjoni dawk prezenti qablu unanimament li jitħallas dan l-ammont.

3.17 Inqrat memo 17/2013 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar li skema ta' għajnuna finanzjarja għal *streaming* tal-laqgħat *on line*. Il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal din l-iskema.

3.18 Is-Sindku ressaq kwotazzjoni għal numru ta' bandiera zgħira bil-*coat of arms* tal-Birgu għall-prezz ta' 85c il-waħda. Dwar dan il-Kunsill qabel li għalissa ma kienx f'pozizzjoni li jsiru u kien ser jipprova iġieb il-flus għalihom.

3.19 Il-Kunsillier Anton Gellel ssuġerixxa li jsiru bandieri tal-lingwi tal-Kavallieri. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.20 Is-Sindku ressaq korrispondenza li l-Kunsill bgħat lill-Onorevoli Roderick Galdes Segretarju Parlamentari għall-Biedja u Sajd sabiex jikseb il-permessi meħtieġa biex fil-Birgu jibda jiġi organizzat 'Is-suq tal-ħaxix u frott frisk' mtella' minn bdiewa maltin. Din it-talba qed issir peress li l-Kunsill ġie avviċinat mir-residenti sabiex isir dan is-suq. Is-Sindku qal li

primarjament dan is-suq kellu jibda jsir sibt iva u sibt le. Imma wara li saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari u persuni uffiċjali oħra fis-Segretarjat Parlamentari, il-Kunsill ingħata parir li dan għandu jkun kull nhar ta' Sibt sabiex barra li r-residenti lokali u dawk residenti tal madwar ikunu moqdija aħjar, anke għal l-istess bejjiegħa, li jkunu jafu li l-posta tagħhom ta' kull nhar ta' Sibt hija fil-lokalita' tal-Birgu.

3.21 Is-Sindku ressaq korrispondenza li nbgħatet lill-Onorevoli Marie Louis Coleiro, Ministru għall-Familja u Solidarjeta Soċjali dwar il-proġett ta' parkeġġ f'zona ta' fuq tal-Ħawli fil-Birgu ffinanzjat mill-Awtorita' tad-Djar. Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-Awtorita' tad-Djar sabiex jingħata d-diskrepanza ta' €9,043.42 tax-xogħlijiet li saru fuq dan il-proġett. Is-Sindku talab sabiex isir ir-*railing* madwar dan il-parkegg peress li kien qed jintrema ħafna skart. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan ir-*railing.*

3.22 Inqrat korrispondenza dwar il-laqgħa tal-Assoċċjazzjoni AVEC Network li ser issir Melila f'Spanja bejn it-23 u s-26 ta' Ottubru 2013. Is-Sindku qal li hu ma setgħax jattendi peress li fl-istess granet ser ikun qed jattendi konferenza oħra.

3.23 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Profs Salvino Busuttil mill-Fondazzjoni de Malte sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-assoċjazzjoni u jattendi konferenza internazzjonali li ser issir f'Ottubru gewwa Bari, l-Italja. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li l-ispejjez relatati ma din il-konferenza kienu ser jiġu mħallsa mill-organizzaturi. Il-Kunsill qabel li jippartecipa f'din il-konferenza.

4. Installazzjoni ta' Lift fil-Berġa ta' Franza

4.1 Is-Sindku talab sabiex fil-Berġa ta' Franza li hija l-bini amministrattiv tal-Kunsill ikun aċċessibli għal persuni b'diffikulta' ta' immobilita' billi jiġi installat lift. Il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Perit espert sabiex isir studu u jiġi installat dan il-lift.

5. Rapport tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill taħt l-iskema 'Xogħol fil-Komunita'

5.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kien kiteb lill-Onorevoli Ministru Evarist Bartolo dwar il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill taħt din l-iskema.

6. Ingagg ta' Skrivan/a Klerikali fuq bazi *part time*

6.1 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħrig kienet bagħtet lista li tammonta għal mitejn, tnejn u għoxrin persuni eleġibli sabiex il-Kunsill jimpjega Skrivan/a fi Skala 15 fuq bazi *part time.* Is-Sindku ddikjara li f'din il-lista kien hemm in-neputija tiegħu u għalhekk talab li huwa ma jkollu xejn x'jaqsam ma l-għazla ta' l-iskrivana *part time,* lanqas fl-għazla tal-bord u lanqas fid-deċizzjoni tal-Kunsill u fl-ebda ħin u ma ħadd mhu ser jipprova jinfluenza lill xi kunsillier jew lill-membru tal-Bord ta' l-Għazla. Is-Sindku kompla billi qal li b'dan ser jiġi nfurmat id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll ser jintalab parir lill-avukata ta' l-istess dipartiment biex jiġi zgurat li jsir kollox skont il-liġi.

Il-Kunsilliera qablu unanimament illi jinħatar Bord tal-Għazla kompost mis-Sinjura Miriam Gauci, is-Sur Charles Camilleri u s-Sur Paul Bezzina.

7. Pubblikazzjoni ta' materjal promozzjonali fuq il-Birgu

7.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill fuljett informattiv b'CD inkluza miegħu u ssuġġerixxa li jsir fuljett simili fuq il-Birgu. Il-Viċi Sindu suġġerixxa li ssir forma ta' *application.* Il-Kunsillier Anton Gellel talab sabiex din tingħata f'idejn kumpaniji privati u jieħdu ħsieb huma peress li kienet ser tiswa ħafna flus.

8. Installazzjoni ta' *road hump* fi Triq San Lawrenz

8.1 Il-Kunsill ressaq talba ta' resident li joqgħod f Triq San Lawrenz sabiex issir *road hump* fl-istess triq peress li kien qed isir sewqan eċċessiv. Il-Kunsill qabel li jiġu konsultati r-residenti ta' din it-triq.

9. Immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Santa Skolastika kantuniera ma' Triq il-Miratur

9.1 Il-Kunsill talab sabiex tintbgħat ittra lil Transport Malta sabiex jintalab il-parir sabiex isiru s-sinjali tat-traffiku u tiġi installata *road hump* fi Triq Santa Skolastika sabiex jiġu evitati inċidenti.

10. Affarijiet Oħra

10.1 Il-Kunsiller Anton Gellel talab sabiex jitnizzel fil-minuti li hu qatt ma għamel artikli f'ġurnal lokali u lanqas tkellem ma ġurnalisti. Is-Sur Gellel saħaq li jekk ikollu xi differenzi kien jitkellem dirett ma sħabu l-kunsilliera. Is-Sindku u l-Kunsilliera qalu li huma qatt ma ħasbu li kien hu li tkellem mal-ġurnalisti. Is-Sindku qal li kien hemm nies li riedu jagħmlu ħsara lilu personali u lill-Kunsill. Il-Viċi Sindku Trevor Mizzi talab sabiex il-Kunsill iwiegeb dan l-artiklu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgħa ntemmet fil-4.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 25 ta' Lulju 2013.

____________________________ ____________________________

Isabella Testaferrata De Noto — ikkonfermati John Boxall

Deputat Segretarja Ezekuttiv — Sindku

# <u>Minuti tal-laqgha 18(06) kontinwazzjoni</u>

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għat-18-il laqgħa fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar il-Ħamis, 25 ta' Lulju 2013, f' nofs inhar. (12:00pm)

## <u>Prezenti</u>

Is-Sindku, s-Sur John Boxall u l-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel, is-Sur Alan Cassar u s-Sur Lawrence Attard.

Il-Viċi Sindku, S-Sur Trevor Mizzi kien skuzat.

Staff - Is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto, Deputat Segretarja Ezekuttiv.

<u>Talba</u>

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

2. <u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>

2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tas-17–il laqgħa.

3. <u>Korrispondenza</u>

3.1 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Klabb tal-*Vittoriosa Stars Football Stars* dwar l-attivita organizzata mill-klabb il-Hadd 21 ta' Lulju 2013 filghaxija. Il-Kunsill ġie infurmat li ma kienx ġie mistieden peress li kienet attivita' interna.

3.2 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Ministeru tat-Turizmu fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-proġett li ġie prezentat mill-Kunsill ma kienx intgħazel għall-*European Destintations of Excellence 2013 Award.* Is-Sindku talab sabiex tintbgħat ittra lill-Ministeru biex jara fuq liema bazi dan il-proġett ma kienx intgħazel.

3.3 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Uffiċjal Legali Angele Vella tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-ingagg ta' skrivana *part time* fejn infurmat lill-Kunsill li kull kunsillier għandu bil-miktub jikxef lill-Kunsill kull relazzjoni familjari rilevanti li hu jkun jaf li tezisti bejnu u bejn kull persuna kandidata għal ħatra ta' kariga taħt il-Kunsill. L-Uffiċjal Legali infurmat lill-Kunsill li mit-tagħrif mibgħut jidher lis-Sindku mexa skont dawn il-proċeduri kif titlob il-liġi.

3.4 Inqrat korrispondenza mibgħuta lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex issir laqgħa flimkien mal-Kumitat tar-Regatta tal-Birgu sabiex jiġi diskuss il-proġett ta' Triq Sally Porte.

3.5 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċċjazzjoni ALDA dwar il-proġett bl-isem EYES. Il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal dan il-proġett. Is-Sur Cassar staqsa jekk dawn il-proġetti hux qed joħolqu problema finanzjarja fuq il-Kunsill. Is-Sindku qal li l-flus għal dawn il-proġetti kienu jidħlu wara li jiġu presentati d-dokumenti kollha u dan kien isir wara li jitlesta l-proġett.

Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jieħu deċizjoni dwar dawn il-proġetti. Is-Sur Gellel qal li l-Kunsill ikollu jireċiproka l-istedina u jġib delegazzjoni hawn Malta. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kellhux finanzi allokati biex jospita delegazzjoni barranija.

3.6 Inqrat korrispondenza li ntbgħatet lill-Professur Salvinu Busuttil fejn il-Kunsill wera x-xewqa tiegħu li ser jissieħeb fl-assoċċjazzjoni 'I Borghi piu belli d'Italia'.

3.7 Tressqet quddiem il-Kunsill petizzjoni mir-residenti li joqgħodu fi Triq Wenzu Dyer sabiex tintalab għajnuna teknika ta' Trasport Malta dwar il-bankina temporanja li saret fl-isess triq peress li kienet ta' periklu. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ġa kiteb lil Trasport Malta u li kien ser iressaq ukoll il-petizzjoni tar-residenti.

4. Xogħol ta' manutenzjoni fil-*front office*

4.1 Is-Sindku semma l-bżonn li jsir manutenzjoni fil-*front office* peress li kien qed jaqa' ħafna trab fuq il-Computers li kawza tiegħu ser tiġi ikagunata ħsara. Wara diskussjoni dawk prezenti qablu unanimament biex isir ix-xogħol kollu meħtieġ.

Il-laqgħa spiċċat fis-2.45 ta' wara nofs inhar.

| | |
|---|---|
| Isabella Testaferrata De Noto | ikkonfermati John Boxall |
| Deputat Segretarja Ezekuttiv | Sindku |